

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1746**tat-28 ta' Settembru 2021****li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banco de España**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Lulju 2021 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banco de España (BĊE/2021/29) ⁽¹⁾

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Fl-2018, il-Banco de España għażel lill-assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars, S.A. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2018 sa 2020, bl-għażla li l-mandat jiġi estiż għas-snin finanzjarji 2021 u 2022.
- (3) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Banco de España, l-assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars, S.A., intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2020 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1518 ⁽²⁾.
- (4) Il-Banco de España beħsiebu jestendi l-mandat tal-assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars, S.A. għas-snin finanzjarji 2021 u 2022. Din l-estensjoni hi possibbli skont l-arranġementi kuntrattwali bejn il-Banco de España u l-assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars, S.A.
- (5) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li l-assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars S.A. jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banca de España għas-snin finanzjarji 2021 u 2022.
- (6) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ⁽³⁾ tiġi emendata skont dan,

⁽¹⁾ ĠU C 299, 27.7.2021, p. 2.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1518 tad-9 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banco de España (ĠU L 256, 12.10.2018, p. 63).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-assoċjazzjoni temporanja ta' impriża Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars S.A. huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Banca de España għas-snin finanzjarji 2021 u 2022.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
S. KUSTEC
